**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* U TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2010**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' SENA** **STUDJI SOĊJALI (*Option*)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem: ______________________________** **Klassi: ____________**

**Din il-karta tal-eżami fiha Erba' Taqsimiet (A, B, Ċ u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-Taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull Taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Numru ta' pajjiżi, inkluż dawk tal-Amerika ta' fuq u l-Ewropa tal-punent, jissejħu demokratiċi. Il-prinċipji bażiċi ta' demokrazija huma dawn: il-ħelsien tal-assoċjazzjoni, għażla u twemmin; il-ħlas għall-isforz; l-ugwaljanza tal-opportunità; u rispett għal opinjonijiet differenti. Pajjiżi demokratiċi huma għalhekk karatterizzati minn pluraliżmu tas-sistema politika. Hemm aċċettazzjoni ta' diversità ta' interessi u ideoloġiji; għalhekk, teżisti pjuttost struttura miftuħa, li tippermetti l-kompetizzjoni ta' gruppi differenti għall-poter u l-influwenza. Partit politiku huwa wkoll elett għal żmien speċifiku permezz ta' elezzjoni ġenerali u ħielsa.*

*Dawn l-aħħar snin kienu rebħa għad-demokrazija. Kemm stati awtoritarji kif ukoll dawk totalitarji għaddew minn riformi politiċi u addottaw ħafna mill-karatteristiċi ta' stati demokratiċi.*

Silta meħuda minn *Introducing Social Studies* ta' Godfrey Baldacchino

1. X'differenza hemm bejn **stat demokratiku** u **stat totalitarju**? (5)
2. X'nifhmu bil-kelma **pluraliżmu**? Fiex l-aktar jinħass dan f'pajjiż demokratiku? (2, 3)
3. Min għandu l-iżjed poter f'demokrazija? Kif l-aktar jintwera dan il-poter? (2, 3)
4. Il-kunsilli lokali żiedu d-demokrazija fil-pajjiż. Għaliex ngħidu hekk? (5)
5. Semmi **ĦAMES** drittijiet li ngawdu f'pajjiżna għax aħna demokratiċi. (5)

**Total: 25 marka**

**Taqsima B**

**Aqra sew din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin:**

*Ix-xogħol hu attività ċentrali għall-bniedem. Nistgħu nimmaġinaw soċjetà mingħajr xogħol? Anke f'dawk is-soċjetajiet fejn ix-xogħol kien meqjus li ma kellux isir minn 'bnedmin ħielsa', xorta kellu jkun hemm numru kbir ta' skjavi biex jagħmlu x-xogħol neċessarju.*

*Kollha nieħdu pjaċir bil-ħin liberu biex nistrieħu; imma mhux tajjeb li jkollna wisq ħin fejn ma nagħmlu xejn. Il-ħtieġa li nagħmlu xi ħaġa hi naturali. Ix-xogħol jgħinna nkunu nafu aktar lilna nfusna u l-kapaċitajiet tagħna; ix-xogħol jgħinna nagħtu l-kontribut tagħna lejn is-soċjetà u s-sistema ekonomika; ix-xogħol jgħinna nibdlu d-dinja biex nagħmluha post aħjar.*

*Ix-xogħol hu importanti għal tliet raġunijiet: jipprovdi lil kull wieħed u waħda minna sens ta' identità; fih ukoll tifsira soċjali minħabba li s-soċjetajiet tal-lum huma kollha bbażati fuq il-prinċipju tad-diviżjoni tax-xogħol u l-interdipendenza; u jaqdi wkoll għan ekonomiku, billi permezz tax-xogħol, jiġu pprovduti għall-bejgħ prodotti u servizzi.*

Silta meħuda minn *Introducing Social Studies* ta' Godfrey Baldacchino

1. X'nifhmu bil-kelma **xogħol**? Għaliex ngħidu li dan jagħtina sens ta' identità? (3,3)
2. Ix-xogħol kollu ta' pajjiż jinqasam f'erba' setturi. X'tip ta' xogħol insibu fit-**tieni** u r-**raba'** settur? (2,2)
3. Ix-xogħol industrijali tat-tieni settur jista' jikkawża ħsara għas-saħħa tal-ħaddiem minħabba fl-ambjent li l-ħaddiema jaħdmu fih. Semmi **ĦAMES** problemi li l-ħaddiema jistgħu jiltaqgħu magħhom f'dan it-tip ta' ambjent. (5)
4. Aħna pajjiż li jiddependi ħafna fuq l-importazzjoni. Spjega l-kelma **importazzjoni** u għid kif it-turiżmu jgħin biex iġib bilanċ fl-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' pajjiżna. (2,3)
5. Nitkellmu dwar relazzjonijiet industrijali fuq il-post tax-xogħol. Dawn jinżammu bejn l-imsieħba soċjali. Min huma l-imsieħba soċjali involuti f'dawn ir-relazzjonijiet? F'isem min titkellem l-unjon? (3,2)

**Total: 25 marka**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb il-mistoqsijiet li ġejjin:**

1. Għaliex ngħidu li l-bniedem mhux gżira? Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' bżonnijiet li jressqu l-bniedem lejn bnedmin oħra. (3,1,1)
2. Spjega x'tifhem bi **proċess ta' soċjalizzazzjoni**. Semmi l-aġenti primarji u dawk sekondarji involuti f'dan il-proċess. (3,1,1)
3. Fiex tikkonsisti l-**kultura**? Għaliex ngħidu li għalkemm din kontinwament tinbidel xorta tipprovdi sens ta' stabbiltà? (3,2)
4. Il-kelma **stratifikazzjoni** turina li teżisti l-inugwaljanza. Spjega din ir-rabta bejn dawn iż-żewġ kelmiet u għid x'jista' jwassal għall-mobbiltà soċjali. (3,2)
5. X'nifhmu bil-kliem **fundamentaliżmu** u **sekularizzazzjoni** hekk kif huma relatati mar-reliġjon? (2,3)

**Total: 25 marka**

**Taqsima D**

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb komponiment dwaru f'madwar 250-280 kelma**.

1. L-azzjonijiet meħuda minn gruppi ta' pressjoni jtejbu ċ-ċans li l-poplu jinstema' minn dawk involuti direttament fil-politika. Iddiskuti.
2. Il-familja estiża kienet iġġorr ħafna mill-piż li llum waqa' fuq spallejn il-gvern. Iddiskuti u għid x'wassal għal dan.
3. Liema huma t-**TLIET** istituzzjonijiet involuti fil-ħarsien u l-iskrutinju tal-kostituzzjoni ta' pajjiżna?
4. Ikteb fuq id-differenzi ewlenin li nsibu bejn gvern demokratiku u gvern dittatorjali.

**25 marka**